MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Avviz Numru. 227/2004

**Avviz numru: 227/2004**

**Muscat's Universal Limited**

**vs**

**Lawrence Grech bhala editur tal-gazzetta "The Sunday Times" u Adrian Muscat Inglott**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 t'April tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti fuq indikati biex jidhru quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Talli, permezz ta' zewgt artikoli, t-tnejn intitolati "A very loud silence – indeed too loud", li dehru fil-harga tad-29 ta' Gunju tas-sena 2003 u tal-20 ta' Lulju tas-sena 2003, tal-gurnal 'The Sunday Times', il-konvenuti, - rispettivament, l-editur tal-gurnal u l-awtur tal-pagna 'Consumer Affairs' – ippubblikaw dikjarazzjoni li kienu jafu li hi jew li, bid-diligenza xierqa, seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lin-negozju tas- socjeta' attrici;

2. Illi ghalhekk jigi ddikjarat li:

a. l-imsemmija kitba inkrimata hija ingurjuza u malafamanti fil-konfront taghha;

b. konsegwentement il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni skond l-Artikolu 29 tal-Kap 248 flimkien ma' l-imghax legali;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-25 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti fuq indikati eccepew is-segwenti:

1. Illi l-pubblikazzjoni mertu ta' din il-kawza ma tikkostitwixxix malafama tan-negozju attrici ai termini ta' l-artikolu 29 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-konvenuti ma ppubblikaw xejn li kienu jafu li kien falz u ezercitaw id-diligenza kollha rikjesta qabel il-pubblikazzjoni biex jassiguraw lilhom infushom dwar il-fatti tal-kaz qabel il-pubblikazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Salvi eccezzjonijit ohra permessi mil-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-scojeta’ attrici timporta oggetti ghat-tfal, bhal per ezempju “pushchairs”;

2. Illi jirrizulta li certu Ivan Vella, klijent ta’ l-istess socjeta’ inghata prezzijiet ta’ xi oggetti li kien interessat li jixtri mill-istess intrapriza liema prezzijiet kienu ibbazati fuq dak ta’ prodotti li kienu fl-imhazen fil-perjodu tan-negozjati;

3. Illi meta l-imsemmi klijent irritorna xahar wara jidher li kien interessat f’xi mudell aktar aggornat u wara ftehim, dan Vella accetta s-sitwazzjoni;

4. Illi pero’ dan Vella kiteb lis-socjeta’ attrici, (ara fol 7), fejn wera d-dizappunt tieghu ghal xi diskrepanzi zghar fil-prezz, minnu allegatament ammontanti ghall-tmintax – il Lira Maltin u erba’ u disghin centezmu, (LM18.94,0);

5. Illi jidher li din id-diskrepanza fil-prezz bejn il-kwotazzjoni originali u l-prezz effettivament mitlub kienet tirrizulta mill-fatt li l-oggetti attwalment mixtrija minn dan Vella kienu versjonijiet aktar recenti tal-prodotti indikati fil-kwotazzjoni originali;

6. Illi effettivament dan il-lanjant accetta li jircievi ammont ta’ hdax – il Lira Maltin u disa’ u ghoxrin centezmu, (LM11.29,0), mis-socjeta’ attrici u ttransiga, (ara ukoll fol 7);

7. Illi rrizulta pero’ li fil-frattemp l-istess kwistjoni kienet sollevata fil-pagna ta’ l-gazzetta settimanali “The Sunday Times” tipproduci that l-isem “Consumer Affairs”;

8. Illi ovvajament, is-socjeta’ attrici kienet baghtet l-informazzjoni kollha necessarja biex tinforma lill-konvenut Muscat Inglott, ir-redattur ta’ din il-pagna, li l-vertenza kienet giet konkluza u l-interessi tal-konsumatur Vella fuq indikat kienu gew debitament tutelati nonostante li l-istess socjeta’ attrici kienet thoss li me kelliex ghalfejn taghmel dan;

9. Illi nonostante din l-informazzjoni l-kwistjoni regghet dehert bi prominenza fl-istess pagina u s-socjeta’ attrici ghalhekk mhux biss hassitha urtata li giet injorata izda addirittura hassitha malafamata u ghalhekk intavolat il-procedura odjerna;

10. Illi jirrizulta pero’ li effettivament kien hemm nuqqas serju ta’ komunikazzjoni bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut redattiv il-pagina de quo;

11. Illi jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ attrici informat lil dan ir-redattur bil-konkluzjoni felici tal-vertenza dan xorta baqa’ jemfasizza l-kwistjoni fil-pagna tieghu;

12. Illi minn naha l-ohra, ir-redattur konvenut isostni li kien baghat diversi notifikazzjonijiet lill-partijiet involuti u ghalhekk anke lis-socjeta’ attrici, li taghhom baqa’ ma rcieva l-ebda risposta u hass ghalhekk, li ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jkompli jippublicizza l-kwistjoni fl-interess pubbliku;

13. Illi meta l-kwistjoni ikkjarifikat ruhha fil-procedura odjerna l-inutilita’ ta’ din il-procedura kienet verament ovvja;

Ikkunsidrat:

Illi biex jigi evitat dilungar inutili fi procedura li del resto hi wahda ta’ natura sommarja jinghad is-segwenti:

1. Illi l-vertenza odjerna hi naxenti minn nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn il-partijiet fejn dawn ghazlu li jisimghu biss lilhom infurshom u mhux lil xulxin;

2. illu kull ma effettivament gara kien li klijenti partikolari tas-socjeta' attrici irreklama lanjanza tieghu pubblikament;

3. Illi in effetti din il-lanjanza giet rizolta tempestivament mis-socjeta' attrici nonostante l-fatt li hasset li ma kellhiex l-obbligu ghal dan;

4. Illi l-linji ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawza rrizultaw difettuzi;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jirrizulta pacifiku li nonostante l-suespost ma jirrizultax li b'xi mod allura inkissru r-rekwiziti tal-Kapitolu 248 rigwardanti l-malafama kif mitlub mis-socjeta' attrici molto piu', meta hawn si tratta ta' socjeta' u allura l-Kap hawn indikat ma jittrazmettix id-dritt ta' azzjoni ghall-libell lil tali persuna guridika;

Illi dak li jirrizulta hu biss l-inkonvenjenza ikkagunata bhala rizultat tal-ineffettivita' ta' linja ta' komunikazzjoni minn naha l-wahda, u ta' l-intransigenza minn naha l-ohra;

Illi mir-rizultanzi kif fuq esporti ma jirrizulta li kien hemm xejn oggezzjonabbli fl-operat tal-konvenuti satnte li l-azzjoni komplessiva taghhom tirrizulta bl-aktar mod ampju li kienet wahda totalment in buona fede u priva mill-animus iniuriandi rikjest;

Ikkunsidrat:

Illi finalment ghandu jinghad ukoll li ma jirrizulta li sehh xejn tant straordinarju li ma setax ikun legittimament rimedjat tempestivament mill-artikolu 21 tal-Kap de quo;

Illi del resto, l-dritt li interlokutur jirrikjedi dikjarazzjoni ghall-fini ta' kontradizzjoni jew spjegazzjoni, ghandha l-vantagg mhux biss li zzomm lill-edituri u lill-redaturi ferma attenti ghal dak kollu li huma jaghzlu li jippubblikaw, izda li toffri wkoll il-possibilita' li ssir gustizzja ma' lanjant billi tintalab dik il-precizazzjoni jew rikonoxximent ta' zball fejn

jirrizulta, u dan bhala rimedju prominenti immedjat u riparatorju meta r-rekwiziti tal-malafama ma jkunux sodisatti u ghalhekk ma jiskattawx;

Ghaldaqstant filwat li ghar-ragunijiet esposti tiddikjara li l-konvenuti ma agixxewx bil-mod malafamanti mitlub mis-socjeta' attrici fl-avviz odjern, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fuq riprodotti u tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------